MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2375/2000/1

**Joseph Debono u occorrendo martu Mary Debono**

**vs**

**Raymond Calleja**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fil-31 ta` Ottubru, 2000, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

1. Skond skrittura privata tat-30 ta` Settembru, 1999 li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A l-attur ta lil konvenut l-permess li jarmi materjal konsistenti f`terrapin u blat imqatta go ghalqa fi Triq Garibaldi, Marsa, (liema materjal kellu l-konvenut iwitti) b`dana li l-konvenut ihallsu tlett liri Maltin (Lm3) ghal kull vjagg u

2. Kif jidher minn dokument tat-13 ta` Lulju, 2000 (li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B) rilaxxat mill-Arkitett u Inginier Civili Anton Zammit jirrizulta ghar-ragunijiet hemm indikati li l-konvenut ghandu ihallas lill-attur is-somma ta` sitt elef mitejn u tlettax il-lira Maltin (Lm6,213) ghall-imsemmija vjaggi kalkolati bit-tlett liri Maltin (Lm3) il-vjagg u

3. Minbarra hekk, skond l-imsemmija skrittura tat-30 ta` Settembru, 1999 (Dok. A) bhala parti mill-ftehim il-konvenut kellu jibni hajt gholi hames filati u pilastri gholjin hames filati, liema pilastri kellhom ikunu 10` il-boghod wiehed mill-iehor, liema hajt kellu jinbena skond is-sengha u l-materjal li jintuza kellu ikun tali li jista` jitbaqqan u

4. Fil-fatt ix-xoghol li kellu jaghmel il-konvenut ma kienx skond is-sengha u skond il-ftehim u

5. Ghalkemm interpellat b`zewg ittri ufficcjali tat-12 ta` Settembru, 2000 il-konvenut naqas li ihallas is-somma minnu dovuta u li jirranga ix-xoghol difettuz li kien ghamel.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) ghaliex m`ghandux jigi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti li jhallas lill-atturi l-imsemmija somma ta` sitt elef mitejn u tlettax il-lira Maltin (Lm6,213) dovuta ghall-vjaggi mormija mill-konvenuta fl-ghalqa fuq imsemmija kalkolati bit-tlett liri Maltin (Lm3) il-vjagg skond l-imsemmi Dok. B

(2) Ghaliex m`ghandux jigi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti biex fi zmien qasir u perentorju prefiggendo jirranga id-difetti li hemm fl-imsemmi hajt b`mod li l-hajt jinbena skond is-sengha u skond il-ftehim fuq imsemmi u dana taht id-direzzjoni ta` perit li jigi nominat minn din l-Onorabbli Qorti u

(3) fin-nuqqas m`ghandhomx l-atturi jigu awtorizzati li jaghmlu l-imsemmija xogholijiet huma stess a spejjez tal-

konvenut u taht id-direzzjoni tal-istess perit nominat mill-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-imsemmija zewg ittri ufficcjali tat-12 ta` Settembru, 2000 u bl-imghax ta` 8% fis-sena mid-data tal-imsemmija ittra ufficcjali fuq is-somma mitluba fl-ewwel talba kontra l-konvenut li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti *ratione valoris stante* li l-ammont dovut ma jeccedix il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati;

2. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-eccipjent ghamel il-vjaggi kollha li qed jallega u kwindi l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat billi huwa dovut ferm inqas;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti tas-7 ta` Marzu, 2002, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Raymond Calleja, bl-ispejjez kontra tieghu, u ddikjarat li hija kompetenti li tisma` din il-kawza;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-25 ta` Ottubru, 2002, li in forza tieghu inhatar bhala perit tekniku l-AIC Renato Laferla, sabiex jirrelata fuq it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu pprezentat fit-30 ta` Awissu, 2005, u mahluf fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru, 2005;

Rat it-talba li ressaq il-konvenut ghall-eskussjoni tal-perit tekniku;

Semghet lill-perit tekniku in eskussjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bi ftehim iffirmat bejn il-partijiet fit-30 ta` Settembru, 1999, l-attur ta` permess lill-konvenut jarmi materjal li jikkonsisti f`terrapin, u blat mqatta go ghalqa li kellu fi Triq Garibaldi, Marsa. Il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attur is-somma ta` Lm3 il-vjagg. Il-konvenut obbliga ruhu wkoll li jibni hajt ghall-attur gholi 5 filati; minhabba ix-xoghol li kellu jsir fuq dan il-hajt, il-ftehim kien li l-konvenut, flok ihallas Lm8 ghal kull vjagg, ihallas Lm3. Il-hajt kellu jservi biex jifred l-ghalqa tal-attur mit-triq. Wara li tlesta x-xoghol l-attur ilmenta li l-hajt ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha, u talab hlas ta` Lm6,213 li, skond kalkolu li ghamillu l-perit Anton Zammit, jirrapprezentaw il-vjaggi li ghamel il-konvenut b`materjal ghall-ghalqa. Dan il-kalkolu ma sarx billi nzammet nota tan-numru tal-vjaggi li saru, izda a bazi tal-volum tal-materjal li instab fl-ghalqa.

Peress li ma kienx hemm qbil fuq il-kalkolu li ghamel il-perit Zammit, infethu dawn il-proceduri, u, stante n-natura teknika tal-kaz, il-Qorti hatret arkitett u inginier civili biex jassistiha fit-trattazzjoni tal-kawza. Il-perit tekniku hekk mahtur, ezamina l-ghalqa u l-hajt in kwistjoni, u qies, fl-ewwel lok, li l-hajt, fil-fatt, mhux mibni skond l-arti u s-sengha u lanqas skond il-ftehim. Fil-fatt, irrizulta li l-hajt mhux mibni f`filati orizzontali, izda l-meded tieghu huma mindudin kollha, niezlin kif niezla t-triq, mhux kullimkien

ghandu l-qatran kif suppost, il-gebel huwa mqieghed minghajr tajn bizzejjed, u l-pilastri, li kellhom ikunu tal-istess gholi tal-hajt, u spazjati 10 piedi minn xulxin, mhumiex qeghdin a tali distanza u mhumiex ingastati fil-hajt, imma semplicement gebel poggut fuq xulxin. Meta tqies li l-attur ippermetta li l-konvenut juza l-ghalqa tieghu bhala *"dump"*, u ghal dan kellu jhallas b`rata anqas minn dik li altrimenti kellu jhallas, kien mistenni li l-hajt jinbena kif miftiehem u bid-debita attenzjoni. Jidher li l-konvenut irraguna li la hu ma kienx se jinghata flus kontanti ghal dak il-hajt, seta jaghmlu kif jidhirlu! Il-perit tekniku irrelata li l-hajt ghandu jinhatt u jerga jinbena mill-gdid kif suppost.

Ghar-rigward tal-kumpens ghall-materjal mitfuh fl-ghalqa tal-attur, il-perit stqarr li, ghalkemm m`ghamilx survey tal-ghalqa, hu ha l-kejl tal-art, u qies li l-figura indikata mill-perit Anton Zammit hija realistika. Il-perit Zammit kien ghamel survey tal-art u ikkalkula li l-volum ta` materjal li tefa` l-konvenut kien ta` 31,064.3 metri kubi. Il-perit tekniku, kif inghad, m`ghamilx survey hu, pero`, qies li s-survey tal-perit Zammit ma kienx kontestat, u li mill-indagini li ghamel fuq is-sit, dik il-figura kienet taghti rizultat gust u ragjonevoli. Anzi l-perit tekniku osserva li meta tqies li l-materjal kien gie mwitti skond kif miftiehem, il-materjal hekk imwitti fl-ghalqa jokkupa circa zewg terzi biss mill-ispazju li l-istess materjal jokkupa fit-truck, u jekk wiehed jiehu l-konsiderazzjoni dan il-fatt, ikun jirrizulta li l-konvenut ghamel aktar vjaggi milli ikalkula l-perit Zammit. Il-perit Zammit ikalkula l-kumpens dovut a bazi tal-volum tal-materjal li kien hemm fl-ghalqa, izda l-kumpens kellu jinhadem skond in-numri ta` vjaggi li saru lejn l-ghalqa. Skond il-perit tekniku, kumpens ikalkolat fuq in-numru ta` vjaggi kien ikun ta` Lm9,036, la darba, pero`, f`din il-kawza l-atturi talbu hlas ta` somma determinata, din il-Qorti ma tistax takkorda bhala hlas somma aktar minn dak li gie mitlub.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm il-konvenut qal li l-kont tal-perit Zammit deherlu li kien esagerat, ma ressaq ebda figura alternattiva, u lanqas ma zamm jew ressaq record ta` kemm skond hu ghamel vjaggi lejn l-ghalqa tal-attur. Kien fl-interess tieghu li jaghmel dan la darba l-hlas kellu jkun

relatat man-numru ta` vjaggi. Hu veru li l-oneru tal-prova hu generalment mixhut fuq l-attur, pero`, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bonnici vs Patrick Cachia & Sons Ltd", deciza fit-3 ta` Marzu, 2006, darba li attur jixhed u jesebixxi statements dettaljati ta` dak li jkun qieghed jitlob bhala sorte, l-oneru tal-prova biex iwaqqghu l-pretenzjoni attrici daru fuq il-konvenut. Dan hu konformi ma dak li jghallem il-Mattirolo (*"Trattato di Diritto Giudiziaria Civili Italiano"*, Vol. III, 5ta. cd. Pagna 382) fis-sens illi:

*"Se l`attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell`attore, dovra`, dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e` fondata la sua eccezione: onde la massima **'onus probandi incumbit actori'**, vuol essere completata con quest`altra **'reus in excipiendo fit actor'**.*

Mill-rapport imhejji mill-perit tekniku, jirrizulta li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Ma giet prodotta ebda prova kuntrarja li realistikament setghet tiskossa l-konkluzzjonijiet milhuqa mill-perit tekniku. Kif inghad fis-sentenza "Spiteri Tiles Ltd vs Borg", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Frar, 2002, ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-artikolu 681 tal-Kap. 12, jibqa` jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti *"ma tistax taghmlu b`mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta` aspett tekniku tal-materja taht ezami"*.

Dan il-principju hu bazat fuq dak li ntqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja et vs Muscat et", deciza fit-23 ta` Gunju, 1967, fis-sens li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *"b`danakollu, l-'giudizio dell`arte' espressa mill-perit*

*tekniku ma jistghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b`talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta` Lm6,213 (sitt elef, mitejn u tlettax il-lira Maltin) bhala kumpens ghall-materjal mormi f`ghalqa tal-atturi, u tordna wkoll lill-konvenut sabiex ihott il-hajt, u l-pilastrar ta` b`mieghu, kollu kemm hu, li lahaq bena qabel ma` waqqfuh, u jibni mill-gdid, kemm lilu, kif ukoll dak li kien ghadu ma benhix milli kellu jibni, u dan f`mod sod u estetiku, u cioe` b`xoghol maghmul skond kif jitolbu s-sengha u l-arti, u b`dak il-pilastrar, skond kif indikat fil-ftehim originalment milhuq bejn il-partijiet, u inkluzi anke il-pedamenti, (fejn hemm bzonn), liema xoghol ghandu jsir, u jitlesta taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett u Inginier Civili, Renato Laferla, li ghal dan il-ghan qed jigi nominat minn dina l-Qorti, u dan billi jinbeda fi zmien xahar millum, u jitlesta fi zmien tlett xhur minn dik in-nhar li jkun inbeda; u illi, fin-nuqqas li tali xoghol ma jinbedix, jew ma jitlestix, minnu fiz-zmien fuq imsemmi, l-atturi qed jigu awtorizzati minn issa li jaghmlu tali xoghol huma a spejjez tal-konvenut, taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett u Inginier Civili aktar qabel nominat.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------